31997R1599

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1599/97

tat-28 ta' Lulju 1997

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' prezzijiet minimi fuq l-importazzjoni ta' ċertu frott artab li joriġina fil-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, r-Rumanija, s-Slovakkja u r-Repubblika Ċeka

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3066/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet fl-għamla ta' kwoti tat-tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdi għall-aġġustament, bħala miżura awtonoma u transitorja, għal ċerti konċessjonijiet agrikoli li għalihom jipprovdi l-Ftehim Ewropej biex jingħata kont tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż matul l-*Uruguay Round* tan-Negozjati Kummerċjali Multilaterali ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1595/97 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Billi regoli dettaljati għandhom ikunu stabbiliti għall-applikazzjoni tas-sistema ġdida ta' prezzijiet minimi fuq l-importazzjoni għal ċertu frott artab li ġej mill-Bulgarija, l-Ungerija, l-Polonja, r-Rumanija, s-Slovakkja u r-Repubblika Ċeka u maħsub għall-ipproċessar, introdott fl-Anessi ta' l-annessi li jinsabu mar-Regolament (KE) Nru 1595/97; billi fl-interess taċ-ċarezza u l-presentazzjoni tal-prezzijiet minimi stipulati fl-Annessi ta' l-Annessi msemmija qabel għandu jiġi nkluż f'tabella waħda mehmuża ma' dan ir-Regolament;

Billi l-kelma 'lott' użata fil-paragrafu 2 ta' l-Annessi ta' l-Annessi li jinsabu mar-Regolament (KE) Nru 1595/97 trid tiġi definita;

Billi, għall-applikazzjoni tajba tas-sistema, l-karatteristiċi li jippermettu li kull prodott iffriżat ikun jista' jiġi klassifikat f'waħda mill-klassijiet fl-Annessi ta' l-Annessi li jinsabu mar-Regolament (KE) Nru 1595/97 għandhom jiġu speċifikati;

Billi komunikazzjoni regolari mill-Istati Membri ta' informazzjoni li tikkonċerna l-importazzjonijiet hija meħtieġa; billi disposizzjonijiet dwar dawn il-komunikazzjonijiet iridu jissostitwixxu dawk stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1226/92 tat-13 ta' May 1992 dwar komunikazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni ta' informazzjoni dwar importazzjonijiet ta' ċerti prodotti proċessati minn frott u ħaxix ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2480/96 ([4]); billi, madnakollu, id-disposizzjonijiet ta' dak ir-Regolament dwar prodotti li joriġinaw minn pajjiżi terzi barra minn dawk imsemmija f'dan ir-Regolament u adottati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1926/96 ([5]) għandhom jinżammu;

Billi l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1595/97 jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1988/93 tad-19 ta' Lulju 1993 dwar is-sistema ta' prezzijiet minimi ta'importazzjoni għal ċertu frott artab li joriġina fl-Ungerija, l-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, s-Slovakkja, r-Rumanija u l-Bulgarija ([6]); billi, b'konsegwenza, r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2140/93 tat-28 ta' Lulju 1993 jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' prezz minimu ta' l-importazzjoni għal għal ċertu frott artab li ġej mill-Ungerija, l-Polonja, r-Repubblika Ċeka, s-Slovakkja, r-Rumanija u l-Bulgarija u jifissaw l-prezzijiet minimi ta' l-importazzjoni applikabbli sat-30 ta' April 1994 ([7]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 767/97 tat-28 ta' April 1997 li jiffissa l-prezzijiet minimi ta' importazzjoni għal ċertu frott artab li joriġina fl-Ungerija, l-Polonja, r-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, r-Rumanija u l-Bulgarija għas-sena tas-suq 1997/98 ([8]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 517/97 tal-21 ta' Marzu 1997 dwar l-applikazzjoni ta' prezz minimu għal ċertu frott artab li joriġina fil-Polonja ([9]) għandu jitħassar;

Billi, matul il-perjodu l-1 ta' Lulju 1997 sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-importaturi għandhom jingħataw l-għażla fir-rigward tat-tariffa ta' importazzjoni, li tikkomprendi d-dazju *ad valorem* u fejn japplika t-tariffa ta' kumpens, bejn is-sistema l-qadima u dik ġdida; billi dan ir-Regolament għandu għalhekk japplika mill-1 ta' Lulju 1997 fuq it-talba ta' l-operatur biss;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti Pproċessati mill-Frott u l-Ħxejjex;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament 'lott' ifisser l-oġġetti maħsuba għall-ipproċessar preżentati taħt dikjarazzjoni ta' rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni libera. Kull dikjarazzjoni tista' tkopri biss oġġetti ta' l-istess oriġini li jaqgħu taħt kodiċi wieħed tan-nomenklatura maqgħuda u, fil-każ ta' prodotti friżati, kodiċi Taric waħda kif muri fl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 328, tat-30.12.1995, p. 31.
([2]) ĠU L 216, tat-8.8.1997, p. 1.
([3]) ĠU L 128, ta' l-14.5.1992, p. 18.
([4]) ĠU L 335, ta' l-24.12.1996, p. 28.
([5]) ĠU L 254, tat-8.10.1996, p. 1.
([6]) ĠU L 182, ta' l-24.7.1993, p. 4.
([7]) ĠU L 191, tal-31.7.1993, p. 98.
([8]) ĠU L 112, tad-29.4.1997, p. 11.
([9]) ĠU L 82, tat-22.3.1997, p. 20.

Artikolu 2

1. Il-valur muri fid-dikjarazzjoni doganali għandu jkun akkumpanjat bl-informazzjoni kollha meħtieġa għall-verifikazzjoni tiegħu.

2. Fejn:

(a) il-fattura preżentata lill-awtoritajiet doganali ma tkunx tħejjiet mill-esportatur fil-pajjiż ta' l-oriġini tal-prodott;

jew

(b) l-awtoritajiet mhumiex konvinti li l-valur muri fid-dikjarazzjoni jirrappreżenta l-prezz veru ta' l-importazzjoni;

jew

(ċ) il-prezz ma tħallasx lill-bejjiegħ f'perjodu ta' tlett xhur mill-jum li jiġi wara d-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni libera mill-awtoritajiet doganali,

l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jistabbilixxu l-prezz ta' importazzjoni, b'referenza partikolari għall-prezz tal-bejgħ mill-ġdid applikat mill-importatur.

3. L-importatur għandu żomm l-evidenza tal-ħlas lill-bejjiegħ. L-evidenza flimkien mad-dokumenti kummerċjali bħal fatturi, kuntratti jew korrispondenza dwar ix-xiri u l-bejgħ tal-prodotti għandha tinżamm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet doganali għal skopijiet ta' verifikazzjoni għal tlett snin.

Artikolu 3

1. Għal kull lott u kull oriġini nvolut, waqt it-tlestija tal-formalitajiet ta' importazzjoni doganali bil-ħsieb tar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni libera, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jqabblu l-valur muri fid-dikjarazzjoni doganali u l-prezz minimu ta' l-importazzjoni li jidher fl-Anness.

2. Fejn il-valur muri fid-dikjarazzjoni doganali huwa inqas mill-prezz minimu muri fl-Anness, għandha tiġi mposta tariffa ta' kumpens ugwali għad-differenza bejn dak il-valur u l-prezz minimu.

Artikolu 4

1. Lott ta' frawli jew lampun ffriżati għandu jiġi klassifikat bħala 'frott sħiħ' għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament jekk jikkonsisti minn frott iffriżat individwalment li jilħaq il-ħtiġiet massimi li ġejjin:

— l-10 % skond il-piż ta' frott imħassar li tilef mhux aktar minn 20 % tad-daqs oriġinali tiegħu, u

— it-3 % skond il-piż ta' frott f'biċċiet li ma jaqbiżx it-80 % tad-daqs oriġinali tiegħu, u

— il-5 % skond il-piż ta' frott li għadda minn deterjorazzjoni ta' l-enżimi.

Fil-każ ta' frawli, lott ta' 'frott sħiħ' jista' jkun fih biss frott klassifikat, qabel it-tneħħija taz-zkuk mill-frott frisk, fil-klassijiet '*Extra*' jew 'I'.

2. Lott ta' żbib iswed jew aħmar friżat għandu jiġi klassifikat bħala 'mingħajr zokk' għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament jekk ikun jikkonforma mal-ħtiġijiet massimi li ġejjin:

— zokk wieħed sħiħ għal kull 500 g netti ta' frott, u

— total ta' 2 ċm² ta' materjal ta' pjanta barranija għal kull 500 g netti ta' frott.

Artikolu 5

1. Għall-prodotti elenkati f'dan l-Anness, l-Istati Membri għandhom jikkommunikaw lill-Kummissjoni l-ammonti li jdaħħlu fiċ-ċirkulazzjoni libera u l-valuri tagħhom, imqassmin skond l-oriġini u l-kodiċi NM u, għal prodotti ffriżati, skond il-kodiċi Taric.

2. Din il-komunikazzjoni għandha sseħħ sal-25 jum ta' kull xahar għall-prodotti mdaħħla fiċ-ċirkulazzjoni libera bejn l-1 u l-15-il jum ta' kull xahar, u sa' l-10 jum tax-xahar ta' wara sa' l-aktar tard għall-prodotti mdaħħla fiċ-ċirkulazzjoni libera bejn is-16 u l-aħħar jum tax-xahar.

3. Jekk l-ebda prodott ma jkunu ddaħħlu fiċ-ċirkulazzjoni libera matul wieħed mill-perjodi msemmija fil-paragrafu 2, l-Istat Membru għandu javża lill-Kummissjoni b'dan fid-dati indikati f'dak il-paragrafu.

4. Id-disposizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1226/92 dwar prodotti li joriġinaw fil-pajjiżi terzi koperti minn dan ir-Regolament huma b'dan imħassra.

Artikolu 6

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 2140/93, (KE) Nru 517/97 u (KE) Nru 767/97 huma b'dan imħassrin.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu japplika fuq it-talba ta' l-operatur involut mill-1 ta' Lulju 1997.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-28 ta' Lulju 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

(Prezz minimu ta' l-importazzjoni ECU/kg netti)

Kodici NM	Kodici Taric	Deskrizzjoni ta' l-oggetti	Bulgarija	Ungerija	Polonja	Rumanija	Slovakkja	Repubblika Ceka
ex 0810 10	—	Frawli għall-ipproċessar	51,4	—	—	51,4	—	—
ex 0810 20 10	—	Ċawsli għall-ipproċessar	63,1	63,1	63,1	63,1	63,1	63,1
ex 0810 30 10	—	Żbib iswed għall-ipproċessar	38,5	38,5	38,5	38,5	38,5	38,5
ex 0810 30 30	—	Żbib aħmar għall-ipproċessar	23,3	23,3	23,3	23,3	23,3	23,3
ex 0811 10 11	0811 10 11 10	Frawli friżat, biz-zokkor miżjud jew aġenti oħra ta' ħlewwa, b'kontenut ta' zokkor ta' aktar minn 13 % skond il-piż: frott sħiħ	—	—	75,0	—	—	—
	0811 10 11 90	Frawli friżat, biz-zokkor miżjud jew aġenti oħra ta' ħlewwa, b'kontenut ta' zokkor ta' aktar minn 13 % skond il-piż: ieħor	—	—	57,6	—	—	—
ex 0811 10 19	0811 10 19 10	Frawli friżat, biz-zokkor miżjud jew aġenti oħra ta' ħlewwa, b'kontenut ta' zokkor ta' mhux aktar minn 13 % skond il-piż: frott sħiħ	—	—	75,0	—	—	—
	0811 10 19 90	Frawli friżat, biz-zokkor miżjud jew aġenti oħra ta' ħlewwa, b'kontenut ta' zokkor ta' mhux aktar minn 13 % skond il-piż: ieħor	—	—	57,6	—	—	—
ex 0811 10 90	0811 10 90 10	Frawli friżat, mingħajr zokkor miżjud jew aġenti oħra ta' ħlewwa:frott sħiħ	75,0	75,0	75,0	75,0	75,0	75,0
	0811 10 90 90	Frawli friżat, mingħajr zokkor miżjud jew aġenti oħra ta' ħlewwa: ieħor	57,6	57,6	57,6	57,6	57,6	57,6
ex 0811 20 19	0811 20 19 11	Ċawsli friżat, biz-zokkor miżjud jew aġenti oħra ta' ħlewwa, b'kontenut ta' zokkor ta' mhux aktar minn 13 % skond il-piż: frott sħiħ	—	99,5	99,5	—	99,5	99,5
	0811 20 19 19	Ċawsli friżat, biz-zokkor miżjud jew aġenti oħra ta' ħlewwa, b'kontenut ta' zokkor ta' mhux aktar minn 13 % skond il-piż: ieħor	—	79,6	79,6	—	79,6	79,6
ex 0811 20 31	0811 20 31 10	Ċawsli friżat, mingħajr zokkor miżjud jew aġenti oħra ta' ħlewwa: frott sħiħ	99,5	99,5	99,5	99,5	99,5	99,5
	0811 20 31 90	Ċawsli friżat, mingħajr zokkor miżjud jew aġenti oħra ta' ħlewwa: ieħor	79,6	79,6	79,6	79,6	79,6	79,6
ex 0811 20 39	0811 20 39 10	Żbib iswed friżat, mingħajr zokkor miżjud jew aġenti oħra ta' ħlewwa: mingħajr zokk	—	62,8	62,8	62,8	62,8	62,8
	0811 20 39 90	Żbib iswed friżat, mingħajr zokkor miżjud jew aġenti oħra ta' ħlewwa: ieħor	—	44,8	44,8	44,8	44,8	44,8
ex 0811 20 51	0811 20 51 10	Żbib aħmar friżat, mingħajr zokkor miżjud jew aġenti oħra ta' ħlewwa: mingħajr zokk	—	39,0	39,0	—	39,0	39,0
	0811 20 51 90	Żbib aħmar friżat, mingħajr zokkor miżjud jew aġenti oħra ta' ħlewwa: ieħor	—	29,5	29,5	—	29,5	29,5